MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Numru. 863/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Antonella Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Antonella Calleja detentrici tal-karta tal-identita` numru 212192(M).

Akkuzata talli:

Fl-14 t'April 2011, ghall-habta ta' bejn 08.15am u 08.45am gewwa Triq l-Isqof Scicluna, Hal-Qormi kkommettiet hsara volontarja fuq 'windscreen' ta' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DBS 185 a detriment ta' Roslyn Agius, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda teccedi l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunat lil Roslyn Agius tibza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalet kliem oxxen fil-pubbliku;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insolentat lil Roslyn Borg

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex meta jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe’ l-Artikoli 325 u 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Stante li l-akkuzi fil-konfront tal-imputata, Antonella Calleja, ma gewx ippruvati tillibera lill-imputata mill-akkuzi kollha kif dedotti kontriha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------